KUNSILL LOKALI | BORMLA *Citta' Cospicua* | LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 016/2019**

13 t'April, 2020

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera
James Cauchi - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha.

**16.1 Qari ta' ittri ta' apologija**

16.1.1 Ma kienx hemm

**16.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

16.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 14 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

16.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Marco Agius ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

16.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

16.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 15 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

16.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri Hammett, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

16.2.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

16.2.7 Il-minuti tal-laqgha annwali tal-lokalita' li kienet inzammet f'Dicembru 2019, kienu gew imqassma lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

16.2.8 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Marco Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

16.2.9 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

**16.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

16.3.1 Is-Sindku ghaddiet lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar laqgha li flimkien ma' membri tal-Kunsill Lokali kellha mal-kuntrattur tas-Soft Areas u gonna pubblici. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward kienu gew rizolti materji li kienu qieghdin ixekklu lill-kuntrattur milli jimplimenta hidmietu.

16.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni mal-attivita' Cospicua Short Play Festival. Fl-istess waqt is-Sindku sahqet kif l-attivita' mtella' fl-2019 kienet spiccat mal-finalisti ghall-unur tal-aqwa attivita' fil-komunita' f'serata mtella' mill-Kunsill Nazzjonali ghall-Arti.

16.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kienet iddiskutiet l-operat tal-Kunsill Lokali mal-amministrazzjoni, kienet ser tkun qieghda tapplika biex ikollha internet key tal-Bank of Valletta. Dan bil-ghan illi kemm il-darba jinqalghu cirkostanzi li ma jippermettux mod iehor, il-Kunsill Lokali ikunu jista' jopera xorta fi hdan il-parametri legali stabbilit izda permezz ta' *bank transfers.*

**16.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

16.4.1 Il-Kunsilliera Martin Vella staqsa : Jista' l-Kunsill jekk joghgbu jikkunsidra sabiex jinxtraw 9 fanali (tal-fundut mhux plastic) halli jitwahhlu kif gej :

2 (b'fanal wiehed) fit-tarag hdejn il-monument tal-gwerra
2 (b'fanal wiehed) nha ta' fuq tat-tarag, fejn hemm l-istatwa tal-Kuncizzjoni.
2 (b'fanal wiehed) kif titla' l-ewwel indana ta' tarag fuq iz-zuntier tal-knisja.
2 (bi tliet fanali) fuq iz-zuntier faccata tal-bibien tal-knisja.
1 (bi tliet fanali) faccata tar-Rialto
Din il-mistoqsija qieghed naghmilha biex isir sett shih kif kien originali.
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi flimkien mal-amministrazzjoni kienet ser tkun qieghda tahdem bil-ghan illi f'seduti segwenti tressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali dettalji dwar il-materja bil-ghan illi l-Kunsill Lokali ikun f'pozizzjoni ahjar li jiehu decizjoni.

**16.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;**

16.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru004/20) ghall-approvazzjoni.

16.5.2 Fuq proposta tas-Sur Martin Vella ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri Hammett, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

16.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Marzu 2020.

16.5.4 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondat mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**16.6 Sejhiet ghall-offerti/ kwotazzjonijiet**

16.6.1 Is-Sindku qalet illi hekk kif diga' msemmi aktar kmieni waqt l-istess seduta, kien beda x-xoghol relatat mal-kuntratt ta' gonna u *soft areas* li l-Kunsill Lokali kien iffirma.

16.6.2 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera illi l-kuntratt tal-knis kellu jigi estiz b'sena kalendarja. Dan peress illi f'Ottubru 2020 kienu ser

ikunu ghaddew tliet snin mill-bidu tal-implimentazzjoni tal-kuntratt, bis-sejha originali tistipula illi kemm il-darba jkun sodisfatt, il-Kunsill Lokali seta' jzid sena ohra kalendarja bl-istess kundizzjonijiet.

**16.7 Skema CIES2.**

16.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'referenza ghal dak li kien gie diskuss fis-seduta precedenti, il-Kunsill Lokali ma kienx sejjah lit-tieni kandidata ghal itnerview bil-ghan illi jimtela' l-post vakanti. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi fir-rigward u wara li kienet iddiskutiet mas-Segretarju Ezekuttiv, kien qieghed jigi propost illi l-interview tinzamm hekk kif is-sitwazzjoni tal-pandemija li kienet hakmet lill-pajjiz tkun giet ghan-normal. Kien hemm qbil unanimu ma' dak li kienet qalet is-Sindku.

**16.8 Mili ta' postijiet vakanti**

16.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kien gie ezawrit il-process ghall-ingagg ta' ufficjal ezekuttiv fi skala 13 ( kienu infethu sejhiet ghal dawk li kienu jirregistraw part 1,2. U 3 ma Jobs Plus u sejha pubblika), il-Kunsill Lokali ma kien ircieva ebda *curriculum vitae*. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet hidmet l-amministrazzjoni mas-Segretarju Ezekuttiv kienet qieghda tipproponi illi l-Kunsill Lokali jaghmel kuntatt mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali bil-ghan illi minflok ufficjal ezekuttiv fi skala 13, il-Kunsill Lokali jimpjega skrivan fi skala 15. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sindku.

**16.9 Laqgha annwali tal-lokalita'**

16.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi minhabba s-sitwazzjoni li kienet inholqot b'konnessjoni mal-pandemija COVID-19 u Direttiva 2/2020 mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali ma kienx zamm il-laqgha annwali tal-lokalita' hekk kif stabbilit f'art. 70 tal-att dwar il-Gvern Lokali, liema laqgha kien ippjanat illi tinzamm fit-13 ta' April 2020.

**16.10 General Data Protection Regulations.**

16.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'rabta mas-suggett imsemmi u b'konnessjoni ma' dak li kien gie diskuss f'seduta nurmu erbatax, kien gie ffirmat kuntratt li permezz tieghu, il-Kunsill Lokali kien hatar lil rapprezentant ta' Boom Consultancy bhala Data Protection Officer f'isem il-Kunsill Lokali ta' Bormla.

16.10.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara rapporti li kienu hargu fil-media dwar allegat kaz ta' *data breach* minn kuntrattur li kien jaghmel uzu minnu l-Kunsill Lokali, kienet intbaghtet korrispondenza u l-Kunsill Lokali kien accerta ruhu illi d-data tal-istess Kunsill Lokali ma kienet giet affettwata bl-ebda mod. Ghaldaqstant, il-Kunsill Lokali ma kienx implikat fl-imsemmija *data breach.*

**16.11 Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali**

16.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien wasal biex ikun lest ix-xoghol li kien qieghed isir fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, kien qieghed jigi ippjanat illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tkun tista' tibda' topera mill-ufficcju l-gdid f'qasir zmien hekk kif isiru l-ahhar ftit arrangamenti.

**16.12 The LC Care Project Grant Support Scheme**

16.12.1 Is-Sindku, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsillier James Cauchi aggornat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni mal-progett imsemmi. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, f'qasir zmien kienu ser jibdew jingabru l-istimi bil-ghan illi tigi implimentata l-ewwel fazi tal-progett.

**16.13 Rapporti**

16.13.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-rapport amministrattiv ghas-sena 2019 u stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jelenka l-punti msemmija fl-istess rapport. Wara li s-Segretarju spjega r-Rapport Amministrattiv u wiegeb mistoqsijiet li sarulu mill-Kunsilliera, bi qbil bejn dawk prezenti, ir-rapport gie approvat b'mod unanimu.

16.13.2 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali condition report li kien thejja mill-perit tal-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' Triq San Lazzru u parti minn Triq Matty Grima, liema rapport kien jindika b'mod car li kien hemm problemi fil-bazi li fuqha kienu gew impoggija cangaturi taz-zonqor. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti l-materja mal-Awtoritajiet Centrali hekk kif is-sitwazzjoni tippermetti.

16.13.3 Is-Sindku qrat rapport dwar korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali u li kienet tinhtieg decizjoni:

- Gie deciz illi ma kelliex tigi milqugha proposta li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand il-kumpanija TCTC ghall-organizzazzjoni ta' kors onlajn ghall-komunita' Bormliza.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba li l-fakulta' ghat-tishih tas-Socjeta' mill-Universita' ta' Malta kienet ressqet ghal twahhil ta' banner f'Bacir numru 1. Fir-rigward kellah tintalab awtorizzazzjoni milll-Ministeru li kien responsabbli miz-zamma tal-istess Bacir Numru 1.
- Wara diskussjoni libera, gie deciz illi U-Channel li kien hemm fi Triq l-Iljun kellha tinqala' u minflokha kellha tigi installata *bollard* ghas-sigurta' tal-pedonali.
- Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mal-ewwel edizzjoni tal-Malta International Wine Festival li kienet giet imtella' f'Bacir Numru 1,

il-Kunsill Lokali kien qabel illi kellu jissieheb ma’ NRGY Concepts Ltd bin-nefqa tal-Kunsill Lokali tkopri l-kirjiet tas-servizzi ta’ dawl u stage/Sound. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward filwaqt li l-Kunsill Lokali kien diga’ ha hsieb ihallas is-servizz ta’ sound, kien ghad fadal pendenti l-hlas dovut lill-kuntrattur tad-dawl minhabba l-fatt illi l-Kunsill Lokali ma kienx ircieva l-istimi fil-hin. Hija temmet tghid illi fir-rigward, wara l-attivita’ kienu waslu l-istimi bl-orhos offerta tkun tammonta ghal ewro 3622.60. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza msemmija.

**16.17 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

16.17.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-7:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-11 ta’ Mejju 2020 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 11 ta’ Mejju, 2020

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |